# illum

22ċ / €0.51
www.illum.com.mt
21 ta' Ottubru 2007 • Nr 51


## Is-Seħer tal-Passa

Iġbor B'XEJN ma' *Illum* il-kartolini tal-għasafar li jpassu minn fuq Malta

Fil-ħarġa ta' Illum: Il-Verdun




# Il-case officer jirrifjuta, il-Mepa tapprova

## Il-Mepa mfittxija mill-eks Chairman tagħha



XHIEDA ĠDIDA FIL-QORTI TA' GĦAWDEX

Julia Farrugia

**Ix-xhieda fil-każ imressaq kontra l-Mepa minn residenti fi blokka appartamenti f'Għawdex u li rrappurtat dwaru fid-dettal din il-gazzetta ġimgħa ilu kompla jinstema' u fost l-oħrajn Ronald Saliba, wieħed mir-residenti u atturi f'din il-kawża, esebixxa statistika biex ifiehem il-mod kif jaħdmu ċerti bordijiet fil-Mepa.**

L-istatistika turi 32 applikazzjoni f'Għawdex li saru bejn l-2004 u l-2007 mill-Perit Joseph Bondin.

Minn dawn it-32 applikazzjoni, 18 kienu barra ż-żona ta' l-iżvilupp filwaqt li tlieta kienu fiż-żona ta' konservazzjoni. Il-maġġoranza assoluta ta' dawn l-applikazzjonijiet ta' Bondin kienu rifjutati mill-case officer imma b'xi mod spiċċaw ġew approvati mill-Mepa.

Mix-xhieda li ħarġet s'issa fil-Qorti ntuża kliem iebes kontra l-Mepa fosthom mill-Imħallef Joe Galea Debono li fix-xhieda tiegħu iddeskriva lill-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar bħala "Qorti tal-Kangaroo."

Din il-gazzetta tista' tikkonferma li Chris Falzon, l-eks Chairman tal-Mepa, hu wieħed mit-30 persuna, flimkien ma' l-Imħallef Joe Galea Debono, li fetaħ il-kawża kontra l-istess Awtorità li kien imexxi hu.

*Tkompli fuq paġna 4*

"Sena oħra nkunu partit fil-Parlament" - Harry Vassallo *paġna 10*

## "Għandi kanċer imma l-ħajja saret aktar prezzjuża"

Julia Farrugia

**Isabelle Bertuello hija omm ta' tliet itfal u ilha tissielet għal din l-aħħar sena kontra l-marda tal-kanċer tas-sider.**

F'intervista ma' *Illum* l-omm tispjega pass pass il-weġgħat li kellha tgħaddi minnhom: minn meta nqħatat l-aħbar, meta qatgħulha sidirha, meta bdiet tieħu l-kimoterapija, xi jfisser għal mara li titlef xagħarha u l-kuraġġ u d-determinazzjoni li tqum fuq saqajha biex tgawdi lil żewġha u lil uliedha.

"Għall-ewwel ma tkunx taf x'laqtek. Jien mara li nemmen imma lill-Alla staqsejtu: x'qatt għamiltlek ħażin, Mulej? Jiġi stadju fejn ikollok rabja kbira ġo fik. Tistaqsi miljun mistoqsija," tispjega Isabelle.

"Illum ħajti ħadet dimensjoni differenti. Qabel kont ngħaġġibha fuq ħafna affarijiet. Issa l-ħajja saret prezzjuża u rrid ngħix kull minuta fil-massimu tagħha."

Jitkellem ma' din il-gazzetta r-raġel ta' din il-mara li hu infermier u l-emozzjonijiet li ħass meta ra b'għajnejh ir-riżultat mediku ta' martu. Jaqsam il-ħsibijiet tiegħu ukoll magħna Reuben, wieħed mit-tfal ta' Isabelle, li għandu 12-il sena.

*Ara l-istorja f'paġna 3*

## Soprataxxa ta' madwar 30%?

Kurt Sansone

**Mill-ewwel darba li l-Partit Laburista wiegħed li jnaqqas is-soprataxxa fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma bin-nofs, l-ikbar mistoqsija fuq fomm kulħadd kienet 'in-nofs ta' xiex'?**

Sa fl-aħħar dik il-mistoqsija twieġbet f'iktar dettal mid-Deputat Mexxej Laburista u Kelliem għall-Finanzi Charles Mangion f'intervista li ta lil din il-gazzetta, anki jekk naqas milli jindika r-rata preċiża tas-soprataxxa.

Mangion jgħid li s-sena bażi li fuqha nħadmu l-kalkoli mill-MLP hi l-2006, is-sena li fiha l-pajjiż esperjenza l-ogħla kontijiet s'issa.

"F'dik is-sena l-Gvern daħħal bejn Lm22 miljun u Lm24 miljun mill-konsumaturi permezz tas-soprataxxa. Aħna qed ngħidu li l-konsumatur domestiku għandu jikkontribwixxi nofs dak l-ammont, jiġifieri s-soprataxxa tista' tonqos għal madwar Lm12-il miljun," isostni Mangion.

*Tkompli fuq paġna 4*

## Baġit 2008



Intervista Charles Mangion *Paġni 18-19*



Il-Punt Edward Fenech *Paġna 17*


- Il-Milied ta' Gonzi: *paġni 6-7*
- Baġit tajjeb imma... *Editorjal paġna 17*
- Il-baġit: kaċċa għall-voti? *Toni u Peppi paġni 12-13*
- Wenzu Mintoff *paġna 14*
- Manwel Micallef *paġna 15*



CBR Limited

Opening Hours:
Mon to Fri 9:00am till 1:00pm
4:00pm till 7:00pm
Sat 9:00am till 1:00pm

CBR Ltd. Tarxien Road, Luqa
Tel: 21 661317, 21 661319

163 G'Mangia Hill, Pieta/Msida
**Tel:** 21 228225, Fax : 21 661299

**Website:** www.cbrltd.com
**E-mail:** cbrltd@waldonet.net.mt



SPECIAL OFFER

With every bed and mattress purchased one gets a **FREE QUILT SET** consisting of:

For **DOUBLE BED** – 2 curtains 250cm x 150cm, 2 sheets, 2 pillow cases, 1 quilt cover all 100% cotton

For **SINGLE BED** - 1 curtain 250cm x 150cm, 2 sheets, 1 pillow case, 1 quilt cover





**Semi - orthopedic mattresses available in sizes:**

80x190cm **Lm30** EUR68.77
90x190cm **Lm35** EUR80.23
110x190cm **Lm45** EUR103.16
140x190cm **Lm55** EUR126.08
150x190cm **Lm60** EUR137.55

**25 different models of single and double beds in 5 different sizes**


NEWSPAPER POST